

# Produzzjoni tal-Melħ

Tafu x'kienu jgħidu n-nanniet tagħna? "Tħallihx nieqes għall-melħa". Il-melħ jagħti t-togħma lill-ikel. Bil-melħ jiġi ppreservat tipi ta' prodotti bħalma hu żebbuġ, kappar, tadam u oħrajn. Allura l-melħ huwa importanti ħafna. Tant huwa importanti li fl-antik l-paga tal-ħaddiema kienet tkun il-melħ! Illum lanqas nemmnu, imma hekk hu... Tant hu hekk li l-kelma paga bit-taljan hija "Salarju" bl-Ingliż "Salary" ġejja mill-kelma taljana "Sale" melħ.

U tafu mnejn jiġi l-melħ? Il-melħ jiġi mill-baħar, għax il-baħar mielaħ. U allura ara kemm aħna xxurtjati! Imdawrin bil-baħar! Imdawrin bil-melħ!

Imma hemm proċess biex isir il-melħ. Aħna ngħidu "xejn ma jiġi mill-ajru" kollox trid taħdem għalih. Fl-antik u anke llum kien hawn ħafna li jaħdmu l-melħ! Itellgħu l-ilma mill-baħar u jitfgħuh fil-ħofor li jkun hemm fil-blat. Dan wara ċertu żmien isir melħ biex inkunu nistgħu niekluh. Però l-proċess ma kienx faċli daqs kemm qed ngħidu. Riedu jnaddfu t-toqba, jimlewha bl-ilma, jaraw li tibqa' nadifa u jistennew ix-xemx tagħmel xogħolha. Imma jekk tagħmel ix-xita kollox "isir suf" u l-proċess irid jerġa' jibda mill-bidu.

Mhux ta' b'xejn is-salarju kien il-paga tal-ħaddiem!

kultura

# Aghti l-kulur



kultura